



Kwestjonarju dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni:

Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020¹

Imressaq għall-konsultazzjoni tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà mis-Sur Alvaro Ancisi (IT/PPE)

Jekk jogħġbok imla dan il-kwestjonarju u ibagħtu sal-5 ta' Awwissu 2011. Il-kwestjonarji kompluti jistgħu jittellgħu direttament fuq is-sit tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà (<http://subsidiarity.cor.europa.eu> – tinsieħ tilloggja). Inkella, jistgħu jintbagħtu bil-posta elettronika f'dan l-indirizz: subsidiarity@cor.europa.eu.

Isem l-awtorità:	
Persuna ta' kuntatt:	
Dettalji ta' kuntatt (telefon, indirizz elettroniku):	

Jekk jogħġbok wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

Il-Kummissjoni Ewropea stiednet lill-Kumitat tar-Regġuni biex jappoġġja l-Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma sal-2020 kif ippreżentat fit-test tal-Komunikazzjoni (ara paġna 14 tal-Komunikazzjoni).

- 1. Fil-fehma tiegħek, hemm bżonn ta' azzjoni tal-UE fil-forma ta' Qafas għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma? U din l-azzjoni ser ttiprovdi valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni li tittieħed biss fil-livell tal-Istati Membri? Jekk jogħġbok spjega t-tweġiba tiegħek.*

Inti, fil-livell tal-awtorità lokali jew reġjonali tiegħek, tappoġġja l-Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma sal-2020?

¹ COM(2011) 173

<p>2. <i>Taf jekk teżistix popolazzjoni Roma f'pajjiżek? Jekk iva, taħseb li hemm bżonn li tiġi promossa aktar l-integrazzjoni tagħhom?</i></p>
<p>3. <i>Il-Qafas tal-UE jitlob li s-27 Stati Membri kollha tal-UE jħejju jew jirrevedu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Roma u jippreżentawhom lill-Kummissjoni Ewropea sal-aħħar ta' Diċembru 2011. Jirrikjedi wkoll li dawn l-istrateġiji nazzjonali "[i]kunu mfassla, implimentati u sorveljati b'koperazzjoni mill-qrib u bi djalogu kontinwu" mal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Fl-Istat Membru tiegħek, taf jekk teżistix Strateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma? Jekk iva, tista' tiddekrivi kemm hija involuta (jekk dan huwa l-każ) l-istituzzjoni tiegħek fit-tnejn tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma li l-gvern ta' pajjiżek għandu jibgħat lill-Kummissjoni Ewropea sal-aħħar tal-2011?</i></p>
<p>4. <i>Skont il-Kummissjoni Ewropea "bosta mill-Istati Membri bħalissa ma jużawx biżżejjed il-fondi tal-UE disponibbli biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tar-Roma".</i></p> <p><i>L-istituzzjoni tiegħek għamlet użu mill-fondi strutturali biex tiffinanzja proġetti fil-qasam tal-integrazzjoni tar-Roma? Tista' tagħti xi eżempji?</i></p> <p><i>Fil-fehma tiegħek, għalfejn rari jintużaw il-fondi strutturali tal-UE għall-integrazzjoni tar-Roma?</i></p>
<p>5. <i>Il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi sensiela ta' għanijiet f'oqsma speċifiċi ta' politika li għandhom jinkisbu biex titrawwem l-integrazzjoni tar-Roma. Dawn l-oqsma huma meqjusin bħala partikolarment importanti. Tista' tagħti xi eżempju jew eżempji ta' Prattika tajba f'qasam jew iktar identifikat bħala prijorità mill-Kummissjoni Ewropea:</i></p> <p>5.1 <i>L-aċċess għall-edukazzjoni (biex ikun żgurat li kull tifel u tifla tar-Roma tal-anqas jispiċċaw l-iskola primarja)</i></p> <p>5.2 <i>L-aċċess għall-impjieg (biex titnaqqas id-differenza bejn l-impjegar tar-Roma u l-impjegar tal-kumpliment tal-popolazzjoni)</i></p> <p>5.3 <i>L-aċċess għall-kura tas-saħħa (biex titnaqqas id-differenza bejn il-qagħda tas-saħħa tar-Roma u dik tal-kumpliment tal-popolazzjoni)</i></p> <p>5.4 <i>L-aċċess għad-djar u s-servizzi essenzjali (biex titnaqqas id-differenza bejn l-għadd ta' Roma li għandhom aċċess għad-djar u għas-servizzi pubbliċi (bħall-ilma, l-elettriku u l-gass) u l-kumpliment tal-popolazzjoni li għandhom dan l-aċċess)</i></p>

<p>6. <i>Fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tisħaq fuq l-importanza li jittieħed "impenn ċar mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali flimkien mal-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tar-Roma". Tista' tagħti xi eżempji ta' involviment b'suċċess tal-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili tar-Roma fi proġetti għall-integrazzjoni tar-Roma?</i></p>
